**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Malta Police Union (RYU 302)**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Protest Ġudizzjarju tal- Malta Police Union (RTU 302) ta' Malta Police Union Malta Police Associations Center, Spencer Hill Marsa MRS1000 Malta rappreżentata minn Neville Mercieca, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru [redacted]**

Tesponi bir-rispett :

1. Illi l-Protestanta *Malta Police Union (RTU 302)* tirrapreżenta membri tal-Korp differenti, fosthom Superintendenti tal-Pulizija;

2. Illi permezz ta' ċirkolari bin-numru HR/POL/7/2021, liema ċirkolari ġiet ippubblikata nhar il-5 ta' Novembru, 2021, il-Protestat ħareġ sejħa interna għal Post ta' Assistent Kummissarju hekk kif ġej: ***"Post of Assistant Commissioner in the Malta Police Force in the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement"*;**

3. Illi skont l-istess ċirkolari l-applikazzjonijiet jgħalqu nhar is-26 ta' Novembru, 2021;

4. Illi l-paragrafu numerat 6.2. taċ-ċirkolari surreferita jindika b'mod ċar li *"Due consideration will be given to applicant who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.2, have knowledge and proven relevant work experience in financial crime investigations"*. Di piu, fiċ-ċirkolari, bħala rekwiżiti għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni, l-Protestat jistabbilixxi b'mod ċar li l-applikanti għandhom jissottomettu *"three year plan outlining their vision for a specifical operations area of their choice (investigations and Technical Support and Field and Operational Support) incorporating elements of financial crime investigations whilst aligning their actions with the Malta Police Transformation Strategy"*;

5. Illi minn qari tal-kriterji imposti fuq l-applikanti joħroġ biċ-ċar li sabiex wieħed japplika għall vakanza in kwistjoni, applikant għandu/għandha jkollu/ikollha għarfien u esperjenza fl-investigazzjonijiet ta' reati ta' natura finanzjarja. Dan ir-kriterju moħbi ser effettivament jaħdem kontra kull applikant eliġibbli li m'għandux esperjenza fil-qasam ta' investigazzjonijiet ta' reati finanzjarji;

6. Illi effettivament, in vista tal-fatt li l-vakanza hija waħda għal *Assistent Kummissarju,* l-Protestat qiegħed jiddiskrimina fil-konfront ta' applikanti eliġibbli illi qatt ma kellhom l-opportunita' li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet ta' reati finanzarji u minflok jaġevola minoranza ta' applikanti li kellhom l-opportunita' li jieħdu sehem f'tali investigazzjonijiet. Hawnhekk jiġi rilevat li

huwa l-Protestat stess li jassenja x-xogħol lill-membri tal-korp skont l-esiġenzi tas-servizz;

7. Illi huwa ċar kristall mill-qari ta' tali ċirkolari li l-applikanti eliġibbli għall-vakanza u li m'għandhomx esperjenza fil-qasam finanzjarju, mhumiex ser jingħataw *due consideration*. Ċertament ma jistax jitqies bħala *objective criterion* in vista tal-fatt li l-Post mihijex waħda speċifika għall-qasam ta' reati finanzjarji;

8. Illi kif ġja sottolineat mill-Ombudsman f'diversi rakkomdazzjonijiet mogħtija fir-rigward ta' ilmenti simili b'referenza għall-proċess ta' għażla, jeħtieġ li jkun hemm *level playing field* għal kulhadd sa mill-bidu tal-proċess. Effettivament dan mhux il-każ fiċ-ċirkostanzi preżenti;

9. Illi filwaqt li wieħed jifhem li r-reati ta' natura finanzjarja qiegħdin dejjem jiżdiedu u l-importanza tal-istess dejjem tikber, dan ma jfissirx li l-Protestat għandu *carte blanche* li jbiddel il-parametri kif jaqbel lilu b'esklużjoni ta' applikanti eliġibbli;

10. Illi nonostante li l-Protestanta għamlet diversi tentattivi mal-Protestat sabiex il-kriterji stabbiliti fis-sejħa jiġu riveduti, l-Protestat baqa' jinjora l-lanzjanzi tagħha. Di piu, l-Protestanta ressqet Tilwima Industrijali quddiem l-Industrial Relations Unit, liema ilment għadu pendenti;

Għaldaqstant, filwaqt li l-Protestanta jġġib a formali konjizzjoniji tal-Protestat is-suespost, tinterpellah sabiex minnufih jirtira ċ-ċirkolari HR/POL/7/2021 u jippublika l-istess sejħa mingħajr il-kriterji specifiċi msemmija f'dan il-Protest u fin-nuqqas tpoġġih in *dolo, culpa u mora* għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Il-Protestanta qiegħdha tavża lill-Protestat, illi ser iżżommu responsabbli għal kwalunkwe tip ta' danni li ġarrbu jew li jista' jġġarrbu l-membri in kwistjoni.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax legali sad-data tal-adempjiment u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra li tispetta lill-Protestant sabiex jipproteġi d-drittijiet tal membri tagħha.

Dan il-protest qiegħed isir għall-effetti u finijiet kollha tal-liġi, inkluż dawk tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

B'riżerva wkoll għall-pendenzi oħrajn eżistenti bejn il-kontendenti.

**Avv. Andrew Grima**
19, St. Mark Street, Valletta, Malta

**P.L. Daniel Aquilina**

Mittenti: Malta Police Union Malta Police Associations Center, Spencer Hill Marsa

Notifika: Kummissarju tal-Pulizija, San Kalcidonju, Il-Furjana